MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-13 ta' April, 2007

Appell Civili Numru. 1340/2002/1

**Maria Rosaria Micallef**

**v.**

**Alfred Micallef**

**Il-Qorti:**

1. Rat il-verbal tas-seduta tal-20 ta' Novembru 2006, fejn *inter alia* d-difensuri trattaw l-appel u l-kawza thalliet ghas-sentenza in difett ta' ostakolu.

2. Rat ir-rikors ta' l-appellantipprezentat fis-27 ta' Novembru 2006, li bih bazikament huwa talab li jkun

awtorizzat li jressaq tlett stqarrijiet guramentati, dokumenti u ritratt ghall-konsiderazzjoni ta' din il-Qorti, liema provi hu esebixxa flimkien mar-rikors tieghu.

3. Rat id-digreit tal-1 ta' Dicembru 2006, li bih din il-Qorti, minghajr ma ssospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza, ordnat in-notika ta' l-istess rikors lill-Avukat Dottor Noel Bartolo, b'gimgha zmien ghar-risposta.

4. Rat ir-risposta ta' l-appellata pprezentata fit-22 ta' Dicembru 2006, li biha opponiet it-talba ta' l-appellant, ghar-ragunijiet fiha esposti.

5. Illi bazikament l-appellata qeghda topponi il-produzzjoni ta' dawn il-provi ghax dawn kienu accessibbli ghalih u minnu maghrufa meta l-kawza kienet quddiem il-Qorti ta' l-ewwel grad, liema Qorti kienet ben konxja tac-cirkostanzi li kien jinsab fihom iben il-kontendenti u kwindi minn dan il-lat m'hemm xejn gdid li jista' b'xi mod ibiddel dak li gustament gia` ddecidiet l-ewwel Qorti. Inoltre, l-appellata sostniet li jekk it-talba ta' l-appellant kellha tintlaqa', hija kellha tinghata opportunita` li taghmel il-kontro-ezamijiet u l-verifiki necessarji, oltre li tinghata d-dritt li tressaq hija wkoll il-provi taghha.

6. Ghandu jinghad ukoll mill-ewwel li r-rimedju ta' l-appell m'huwiex moghti biex parti li tkun traskurat id-dover taghha li tressaq l-ahjar prova relevanti quddiem il-Qorti ta' l-ewwel grad, taghmel tajjeb ghal dan in-nuqqas billi tressaq quddiem din il-Qorti dawk il-provi li kienu ghad-disposizzjoni taghha u li hija setghet tressaq quddiem l-ewwel Qorti.

7. Bhala regola generali, provi godda m'humiex ammessi quddiem din il-Qorti ta' l-Appell ghaliex il-mansjoni taghha ta' revizjoni tad-decizjoni appellata ghandha normalment tezercitaha fid-dawl tal-provi li l-Qorti ta' l-ewwel grad kellha quddiemha meta hija tkun ippronunzjat id-decizjoni taghha. Il-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) jipprovdi sostanzjalment zewg eccezzjonijiet ghal din ir-regola procedurali bazilari. L-Artikolu 145

jippermetti l-esebizzjoni ta' dokumenti waqt il-proceduri inizjali bil-miktub quddiem din il-Qorti
"Mar-rikors, mat-twegiba u mar-replika, ghandhom jingiebu d-dokumenti li jkunu jsahhu t-talbiet ta' wiehed jew l-eccezzjonijiet ta' l-iehor."

It-tieni eccezzjoni tinsab fl-Artikolu 208, li jiddisponi hekk:

"(1) Ebda xhud li ma jkunx ingieb fil-qorti ta' l-ewwel grad, ma jista' jingieb fl-appell, hlief -

"(*a*) meta l-parti kuntrarja taghti l-kunsens taghha; jew

"(*b*) meta, bil-gurament jew b'mezzi ohra, jigi ppruvat li l-parti li trid iggib ix-xiehda ta' dak ix-xhud ma kinitx taf biha, jew ma setghatx, bil-mezzi li taghti l-ligi, iggib dak ix-xhud fil-qorti ta' l-ewwel grad; jew

"(*c*) meta t-talba biex tingieb ix-xiehda ta' dak ix-xhud tkun saret u giet michuda quddiem il-qorti ta' l-ewwel grad, u l-qorti fi grad ta' appell tkun ta' fehma li dik ix-xiehda hija ammissibbli u rilevanti; jew

"(*d*) meta l-qorti fi grad ta' appell hija ta' fehma li x-xiehda ta' dak ix-xhud hija mehtiega jew utli:

"Izda l-qorti, f'dan il-kaz, tista', fid-decizjoni dwar l-ispejjez, tiehu qies tal-fatt li x-xhud ikun ingieb barra miz-zmien.

"(2) Jekk fil-qorti ta' l-ewwel grad il-konvenut ma jkunx
ipprezenta r-risposta guramentata kif inhuwa msemmi fl-artikolu
158 u jkun naqas li jidher ghas-smigh tal-kawza, huwa ma jkunx
jista' jgib xhieda fil-qorti fi grad ta' appell, kemm-il darba ma jurix
raguni tajba, fil-fehma tal-qorti, li ghaliha huwa jkun naqas."

8. Mar-rikors tas-27 ta' Novembru 2006, l-appellant ipprezenta l-provi godda tieghu ghall-iskrutinju tal-Qorti. Huwa qed jitlob li l-istess provi godda jigu ammessi fl-atti

ta' din il-kawza u li din il-Qorti tehodhom in konsiderazzjoni fit-tfassil tas-sentenza taghha. Jidher li b'dawn il-provi godda l-appellant bazikament jixtieq isahhah it-talba tieghu kontenuta fir-rikors ta' l-appell li d-dar matrimonjali m'ghandhiex tinbiegh b'subbasta u r-rikavat jigi diviz bejn il-kontendenti, kif ordnat il-Qorti ta' l-ewwel grad, izda minflok din id-dar ghandha tigi assenjata lill-konvenut appellant biex din tkompli sservi ta' residenza ghall-konvenut u wliedu, partikolarment ta' ibnu Clayton. L-enfasi ta' l-appellant huwa partikolarment fuq il-kaz tassew pjetuz ta' dan ibnu Clayton li safa kompletament paralizzat f'incident tat-traffiku li sehh fis-27 ta' Gunju, 2004. Il-provi godda jaghtu stampa ferm aktar dettaljata tal-kura intensiva li rceva dan Clayton kemm f'Malta u kemm ukoll barra minn Malta u l-isforzi kbar li saru biex Clayton jirriabilita` hajtu kemm jista' jkun fic-cirkostanzi difficilissimi li jinsab fihom. Jindikaw ukoll ix-xogholijiet li saru fid-dar matrimonjali, bi spejjez konsiderevoli, biex din id-dar tkun tista' takkomoda sewwa lil Clayton, fil-bzonnijiet specjali tieghu. Bihom l-appellant jallega li akkomodazzjon siewja bhal din, Clayton ma jista' jsibha f'edba lok iehor jew f'ebda istituzzjoni ohra f'Malta.

9. Mar-rikors imemmi ta' l-appellant gew mehmuza is-segwenti provi:
a) Affdiavit ta' Cornelius Mulvaney, Senior Social Worker fl-isptar Sir Paul Boffa, Floriana (Dok. CM1, li fih 22 pagna).

b) Affidavit ta' l-appellant (Dok AM 2, li fih 3 pagni). Mehmuzin mieghu hemm dokumenti AM3 sa AM13 li jaghtu dettalji dwar is-sussidju li rcieva l-appellant mill-Awtorita` tad-Djar biex setghu jsiru x-xogholijiet biex id-dar matrimonjali tkun irrangata biex tkun tista' sservi ta' akkomodazzjoni xierqa ghall-bzonnijiet ta' Clayton principalment fl-istallazzjoni ta' "stairlift" u biex il-kmamar tal-banju u tad-W.C. ikunu jistghu jintuzaw minn persuna b'dizabilita`. Hemm esebita fattura dwar "Standing power wheelchair" tal-valur ta' Lm13,490, liema somma thallset in parti minn donazzjonijiet ricevuti mill-appellant fosthom dawk ta' Lm8,000 mill-Community Chest Fund. Hemm

ukoll esebiti dokumenti li jirreferu ghal "motorized hoist and sling", "ripple mattress" u "platform lift".

c) Affidavit ta' Clayton Micallef (Dok CM1 li fih 8 faccati)

d) Tlett dokumenti mahrug minn Stoke Mandeville Hospital, fosthom "Joint Discharge Report" dettaljatissimu ffirmat minn Helen Wakeling, Occupational Therapist u Dot. Tussler, Superentendent Physiotherapist, it-tnejn tan-"National Spinal Injuries Centre", kif ukoll "Nursing Letter" iffirmata minn Nurse Tracey Geddis. Dawn id-dokumenti huma rispettivament datati 19 u 25 ta' Lulju, 2005.

e) Zewg ritratti, wiehed ta' Clayton fuq il-wheelchair qed juza l-platform lift, mghejjun minn missieru, l-appellant, u r-ritratt l-iehor juri lil Clayton qed jigi assistit minn huh, waqt l-ikel.

f) Hemm fl-ahharnett stqarrija mhix firmata ta' Cornelius Mulvaney, datata 1 ta' Settembru, 2006.

10. Kif sewwa rrilevat l-appellata, parti sostanzjali minn dawn il-provi setghu gew provduti mill-appellant mill-Qorti ta' l-ewwel grad. Ghandu jinghad li kieku l-appellant ghamel hekk, huwa seta' jinvokahom sabiex isahhu l-osservazzjonijiet li l-appellant kien ghamel lill-ewwel Qorti fin-nota tieghu tat-2 ta' Mejju 2005, f'fol. 209 et sequitur tal-process, partikolarment dwar il-paragrafu 15 u paragrafi 19 sa 27 ta' l-istess Nota. Id-dokumenti li gew esebiti issa setghu jigu esebiti mill-appellant flimkien mar-rikors ta' l-appell tieghu, bis-sahha ta' l-imsemmi Artikolu 145 tal-Kap. 12.

11. L-appellata qeghda topponi l-produzzjoni ta' dawn il-provi godda f'dan l-istadju billi dawn ma humiex issa ammissibbli ghax se mai messhom tressqu qudiem il-Qorti ta' l-ewwel grad. Madanakollu, din il-Qorti wara li hasbet hafna fuq dan il-kaz, hija bil-fehma ferma li hija ghandha taghti opportunita` lill-appellant iressaq dawn il-provi, billi dawn jistghu jkunu utili ghad-deliberazzjoni taghha dwar il-pendenza principali bejn il-kontendenti, li bla dubju ta' xejn, tikkoncerna x'ghandu jsir mid-dar

konjugali. Din il-Qorti waslet ghal din id-decizjoni wara li hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha verament specjali ta' dan il-kaz, inkluza il-konsiderazzjoni li n-nuqqas ta' l-appellant li jressaq parti sostanzjali mill-provi li issa talab li jressaq f'dan l-istadju ta' l-appell, mhuwiex nuqqas daqshekk kbir meta wiehed iqis l-enormita` tat-tragedja li l-appellant gie rinfaccjat biha. Din it-tragedja ma setghetx ma telliflux l-attenzjoni tieghu dwar dawn il-proceduri tal-Qorti u li haga mil-lewn id-dinja li c-cirkostanzi kiebja li kellu jiffaccja xi ftit jew wisq iddisorjentatawh. Konsegwentement wiehed ma jistax ilumu hafna, jekk l-akbar attenzjoni u priorita` iddedikaha ghall-kura u assistenza materjali ta' ibnu Clayton. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tahsibx li n-nuqqas ta' l-appellant li jressaq dawn il-provi quddiem il-Qorti ta' l-ewwel grad, kien jidderiva minn semplici negligenza, traskuragni jew non kuranza ghar-regoli procedurali.

12. Ghalhekk din il-Qorti sejra tammetti l-istess provi msemmija fir-rikors ta' l-appellant tas-17 ta' Novembru 2006, in kwantu unikament jelaboraw fuq il-kura li nghata Clayton, l-istat fiziku ta' sahhtu llum, il-bzonnijiet specjali tieghu u kif dawn l-istess bzonnijiet specjali tieghu jinghataw mid-dar matrimonjali. Jibqa' intiz, madankollu li (a) ghandha tigi injorata kull opinjoni u kumment zejjed iehor li jinstabu fl-istqarrijiet guramentati in kwistjoni; (b) ghandha tinghata l-opportunita` u l-fakolta` lill-kontro-parti li taghmel il-kontro-ezamijiet u l-verifiki kollha necessarji dwar dawn il-provi godda mressqa mill-appellant oltre d-dritt lill-istess kontro-parti li jekk trid tressaq hi stess provi godda rilevanti biex jirribattu l-imsemmija provi ta' l-appellant, s'intendi dejjem unikament fil-limiti indikati.

13. Ghal dawn il-motivi, tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza, tiddiferixxi l-kawza ghas-seduta ta' nhar it-Tnejn, 21 ta' Mejju 2007, fil-11.30 a.m., biex dakinhar l-appellata taghmel, jekk trid, il-kontro-ezamijiet u tressaq il-provi fid-dawl ta' l-odjern provvediment, u ghalhekk l-appellata ghandha tiehu hsieb li tingungi fi zmien utili lix-xhieda li talvolta tkun trid tikkontro-ezamina jew tezamina.

L-ispejjez ta' din id-decizjoni jibqghu a karigu ta' l-appellant - apparti dak li hu provdut fil-*proviso* ta' l-Artikolu 208(1)(d) tal-Kap. 12 u cioe` li l-Qorti, eventwalment meta taghti d-decizjoni finali taghha tista' tiehu qies tal-fatt li l-imsemmija provi ingiebu barra minn zmienhom.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------